MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## EDWINA GRIMA

Seduta ta' l-24 ta' Frar, 2003

Talba Numru. 2975/2002

***Albert Sammut***

***vs***

***Maria Alexia Cardona***

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-11 ta' Dicembru, 2002, fejn intalab li l-konvenuta tigi kkundannata thallas lill-attur s-somma ta' tlett mija u erbgha u sittin lira Maltin u tlieta u sebghin centezmu (Lm364.73) rappresentanti danni subiti fuq il-vettura tal-marka *Toyota Tercel* bin-numru tar-registrazzjoni LCC-807 proprjeta' ta' l-attur u dana minhabba incident awtomobilistiku illi sehh nhar is-27 ta' Awissu, 2002 fl-Ajruport Internazzjonali ta' Malta, l-Gudja waqt li iben l-attur u cioe' Neville Sammut kien qieghed ipparkeggjat u l-konvenuta waqt li kienet qieghda issuq il-
vettura tal-marka Volkswagen Polo bin-numru ta' registrazzjoni ALE 013 dahhlet fil-vettura ta' l-attur u wara

li kkagunatlu hsarat estensivi baqghet ghaddejja bil-vettura taghha u ghalhekk liema incident sehh unikament minhabba imperizja, negligenza u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti ta’ l-istess konvenuta.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-ittra legali datata 3 ta’ Settembru 2002 esibita bhala Dokument AS4 ma’ l-avviz kontra l-konvenuta.

Ra li l-konvenuta debitament notifikata baqghet ma dehritx u l-anqas ma pprezentat risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta’ l-avukat Dr. Roberto Montalto ghan-nom ta’ l-attur, li kkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esibiti u senjatament id-Dokumenti AS1 sa AS3, konsistenti f’ricevuti tad-danni subiti fil-vettura ta’ l-attur.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas lill-attur s-somma ta’ tlett mija u erbgha u sittin lira Maltin u tlieta u sebghin centezmu (Lm364.73).

L-ispejjez ta’ dina l-istanza, inkluzi dawk ta’ l-ittra legali datata 3 ta’ Settembru 2002, (Dokument AS4), ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuta.

---------------------------------TMIEM---------------------------------